

Brussell, 19 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16193/22

ENT 175
MI 966
CONSOM 348
COMPET 1055
UD 288
CHIMIE 106
COMER 158
CODEC 2061

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 679 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 679 final.

Mehmuż: COM(2022) 679 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2022
COM(2022) 679 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL
U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li
jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn kif id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni ("ir-Regolament") ġew implimentati bejn l-2018 u l-2022, kif previst fl-Artikolu 40 tar-Regolament.

Dan ir-rapport ma jikkostitwix evalwazzjoni tar-rilevanza u tal-koerenza aġġornati tal-qafas għall-akkreditazzjoni u l-markatura CE. Dawn l-aspetti huma evalwati fl-ambitu tal-“Evalwazzjoni tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid (NLF)”¹, imwettqa mill-Kummissjoni fl-2022.

Dan ir-rapport tħejja f'kooperazzjoni mal-Istati Membri permezz tas-sottogrupp ta' akkreditazzjoni tal-grupp ta' esperti tas-“Suq intern għall-prodotti”.

2. AKKREDITAZZJONI

2.1 Ir-rwol tal-akkreditazzjoni

Il-prodotti mqiegħda fis-suq (bħall-prodotti tal-kostruzzjoni, il-ġugarelli jew il-makkinarju) iridu jkunu sikuri u jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti leġiżlattivi applikabbli. Filwaqt li l-manifatturi jridu jiżguraw li l-prodotti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti, il-korpi indipendenti, l-hekk imsejħa “korpi ta' valutazzjoni tal-konformità” jew “korpi ta' ċertifikazzjoni” jivverifikaw jekk il-prodotti jissodisfawx ir-rekwiżiti leġiżlattivi applikabbli qabel ma jinbiegħu. Dawn il-korpi jintużaw ukoll b'mod volontarju min-negozji biex juru l-konformità ma' standards jew ma' rekwiżiti tas-suq anke meta dan ma jkunx rekwiżit leġiżlattiv.

L-akkreditazzjoni hija attestazzjoni minn Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni li korp ta' valutazzjoni tal-konformità jkollu l-kompetenza teknika biex iwettaq attività speċifika ta' valutazzjoni tal-konformità.

Il-Korpi Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni jaġixxu bħala awtoritajiet pubbliċi.

Il-Korpi Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni jimmonitorjaw u jivvalutaw mill-ġdid il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu akkreditaw. Meta Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni jaċċerta li korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunx għadu kompetenti biex iwettaq attività speċifika ta' valutazzjoni tal-konformità jew ikun wettaq ksur serju tal-obbligi tiegħu, huwa jieħu miżuri xierqa biex jirrestrinġi, jissospendi jew jirtira l-akkreditazzjoni.

¹ https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/goods/new-legislative-framework_en

Għall-prodotti regolati fil-livell tal-UE u jekk il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi l-involviment ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità, il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità maħtura f'livell nazzjonali – il-Korpi Notifikati – jivvalutaw il-prodott u joħorġu attestazzjoni ta' konformità qabel ma l-prodott ikun jista' jitqiegħed fis-suq.

L-akkreditazzjoni hija l-mezz preferut biex tintwera l-kompetenza teknika tal-Korpi Notifikati.

Ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas legali għall-akkreditazzjoni. Ir-Regolament japplika għall-akkreditazzjoni użata fuq bażi obbligatorja jew volontarja².

Barra minn hekk, ir-Regolament jirrikonoxxi korp magħruf bħala l-kooperazzjoni Ewropea għall-akkreditazzjoni (l-EA) li l-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni huma membri tiegħu u li jikkooopera mal-Kummissjoni.

Sal-2018, ingħataw 35 276 akkreditazzjoni (akkreditazzjonijiet inizzjali u valutazzjonijiet mill-ġdid)³. Sa tmiem l-2021, dan in-numru żdied għal 36 765⁴. L-għadd ta' "akkreditazzjonijiet" ma huwiex l-istess bħall-għadd ta' korpi akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità. "Akkreditazzjoni" tirreferi għal attività speċifika ta' valutazzjoni tal-konformità (eż. ittestjar⁵, ċertifikazzjoni⁶). *Korp ta' valutazzjoni tal-konformità jista' jiġi akkreditat f'aktar minn attività waħda ta' valutazzjoni tal-konformità u f'setturi/kampijiet ta' applikazzjoni relatati (eż. ġugarelli, makkinarju) u għalhekk jista' jkollu aktar minn akkreditazzjoni waħda.*

2.2 L-akkreditazzjoni fil-kuntest tal-politiki tal-UE

2.2.1 Suq Uniku u Strateġija Industrijali

L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa⁷ u l-aġġornament tagħha għall-2021⁸ jisħqu fuq il-ħtieġa ta' Suq Uniku aktar profund li jagħti s-setgħa lill-kumpaniji Ewropej ta' kull daqs biex jinnovaw, jespandu u jimpjegaw aktar nies.

F'dan il-kuntest, il-"Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku"⁹ ipoġġi s-Suq Uniku fil-qalba tat-trasformazzjoni industrijali tal-Ewropa u jipprevedi aktar faċilitazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-prodotti u s-servizzi madwar l-UE, filwaqt li jipproteġi wkoll lill-konsumaturi.

² Ara l-Artikolu 3 tar-Regolament.

³ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2018, https://european-accrreditation.org/wp-content/uploads/2019/04/EA-MLA-report-2018_9-April.pdf

⁴ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2021, <https://european-accrreditation.org/wp-content/uploads/2022/04/EA-MLA-report-2021.pdf>

⁵ L-ittestjar huwa d-determinazzjoni tal-karatteristiċi tekniċi ta' prodott. L-ittestjar ma jinkludix l-eżami tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti (leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi).

⁶ Iċ-ċertifikazzjoni hija d-dimostrazzjoni li ġew issodisfati rekwiżiti speċifiċi (leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi).

⁷ COM(2020) 102 final, 10.03.2020, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0102&from=MT>

⁸ COM(2021) 350 final, 05.05.2021, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0350&from=MT>

⁹ COM(2020) 94 final, 10.03.2020, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020DC0094&from=MT>

Sistema robusta ta' akkreditazzjoni li tiżgura valutazzjoni affidabbli tal-konformità u s-sikurezza tal-prodott tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti, tapprofondixxi s-suq uniku u għalhekk hija pilastru tal-implimentazzjoni tal-politika industrijali tal-UE.

Barra minn hekk, ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku għall-2022¹⁰ jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp ta' skemi ta' ċertifikazzjoni f'oqsma ewlenin tal-politiki industrijali u tas-suq uniku tal-UE. F'dan ir-rigward, l-akkreditazzjoni tikkonferma li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jipprovdu ċertifikazzjoni għandhom il-kapaċità teknika li jwettqu dmirijietom kif suppost.

2.2.2 Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

L-akkreditazzjoni huwa faċilitatur għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-prijoritajiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew¹¹ u l-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %: Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika¹²", ***kull meta tkun meħtieġa l-valutazzjoni tal-konformità tal-prodott mal-istadji importanti relatati mal-klima u mas-sostenibbiltà.***

2.2.3 Tranżizzjoni Diġitali

Fid-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2021¹³, il-President von der Leyen issottolinjat il-ħtieġa li l-Ewropa ssawwar it-trasformazzjoni diġitali tagħha u tiżgura s-sovranità diġitali.

F'dan ir-rigward, il-"Kumpass Diġitali tal-2030" li jstabbilixxi "l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali"¹⁴ jipprevedi l-użu ta' ħliet diġitali u l-iżvilupp ta' infrastrutturi diġitali newtrali għall-klima u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

L-akkreditazzjoni tiżgura l-kompetenza tal-entitajiet responsabbli għat-twettiq ta' valutazzjonijiet abbażi tar-rekwiżiti rilevanti, jiġifieri relatati mal-effiċjenza enerġetika u ambjentali.

2.2.4 Il-ġlieda kontra l-COVID-19

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/403 relatata mat-theddida tal-COVID-19¹⁵ qieset il-valutazzjoni tal-konformità bħala għodda kruċjali fil-ġlieda kontra l-pandemija.

F'dan ir-rigward, l-akkreditazzjoni żgurat l-affidabbiltà u l-oġġettività tal-kontrolli mwettqa mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, ***anke fi żminijiet ta' influss fis-suq ta' għadd kbir ta' manifatturi ġodda u mingħajr esperjenza*** kif inhu l-każ matul il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19.

¹⁰ SWD(2022) 40 final, 22.02.2022

<https://ec.europa.eu/docsroom/documents/48877?locale=mt>

¹¹ COM(2019) 640 final, 11.12.2019,

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019DC0640&from=MT>

¹² COM(2021) 550 final, 14.07.2021,

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0550&from=MT>

¹³ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/SPEECH_21_4701

¹⁴ COM(2021) 118 final, 09.03.2021,

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0118>

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/403 tat-13 ta' Marzu 2020 dwar il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u s-sorveljanza tas-suq fil-kuntest tat-theddida tal-COVID-19, C/2020/1712, ĠU L 79I, 16.3.2020, p. 1-5, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32020H0403>

2.2.5 Politika settorjali

Diversi biċċiet ta' leġislazzjoni settorjali tal-UE jirrikorru għall-akkreditazzjoni sabiex tiġi żgurata valutazzjoni affidabbli tal-konformità tal-prodotti u tas-servizzi mar-rekwiżiti leġislattivi applikabbli.

Dawn il-biċċiet ta' leġislazzjoni qegħdin ikopru firxa wiesgħa ta' setturi bħal: ġugarelli, makkinarju, prodotti tal-kostruzzjoni, tagħmir tal-pressjoni, liftijiet, dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, tagħmir tar-radju, splussivi għal użu ċivili, tagħmir maħsub għall-użu f'ambjenti potenzjalment esplożivi (ATEX), oġġetti pirotekniki, apparati tal-gass, tagħmir protettiv personali inklużi maskri protettivi kontra l-COVID-19, apparati mediċi, sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, vetturi, ferroviji, fertilizzanti, ikel u għalf, ċibersigurtà, emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

2.3 Il-Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni (EA) u l-finanzjament tal-Kummissjoni

Kif stabbilit fir-Regolament, il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni (EA) bħala ċ-ċentru tal-infrastruttura Ewropea tal-akkreditazzjoni u qiegħda tipprovdi finanzjament lill-EA¹⁶.

F'Diċembru 2018, il-Kummissjoni u l-EA ffirmaw it-tielet ftehim qafas ta' sħubija għal perjodu ta' erba' snin (sa Diċembru 2022). Dan il-ftehim qafas ta' sħubija jippermetti appoġġ finanzjarju għall-EA fit-twettiq tal-kompiti tagħha. Fiż-żmien meta nkiteb dan ir-rapport, ġew żborżati erba' għotjiet operazzjonali annwali li jammontaw għal EUR 722 900 kull waħda skont dan il-ftehim qafas ta' sħubija. Din is-somma tikkorrispondi għal madwar 45,73 % tal-baġit globali tal-EA għall-2022.

Bħalissa l-Kummissjoni u l-EA qegħdin jiddiskutu r-raba' ftehim qafas ta' sħubija.

L-attivitajiet tal-EA eliġibbli għal finanzjament mill-UE jinkludu dan li ġej:

- **it-twettiq ta' ħidma teknika relatata mas-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari;**
- **l-għoti ta' għarfien espert tekniku lil servizzi differenti tal-Kummissjoni għall-inklużjoni tal-akkreditazzjoni fi proġetti leġislattivi jew f'termini tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni settorjali eżistenti;**
- **l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' akkreditazzjoni;**
- **il-parteċipazzjoni fl-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-ILAC u l-IAF u l-kooperazzjoni internazzjonali.**

Barra minn hekk, l-EA kienet qiegħda taħdem mal-partijiet ikkonċernati interessati permezz tal-Bord Konsultattiv tagħha.

Minbarra l-għotja operazzjonali annwali, il-ftehim qafas ta' sħubija mal-EA jistabbilixxi wkoll il-possibbiltà ta' finanzjament ta' proġetti speċifiċi. F'dan ir-rigward, fl-2020, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ta kuntratt ta' EUR 410 000 lill-EA għall-kontinwazzjoni tal-proġett "Servizzi ta' appoġġ rigward l-aspetti ta' akkreditazzjoni/ċertifikazzjoni tal-proġett

¹⁶ Ara l-Artikolu 14 tar-Regolament.

fuq skema ta' Garanzija tal-Kwalità volontarja Ewropea għal Servizzi tal-Kanċer tas-Sider". Il-proġett għadu għaddej fiż-żmien meta nkiteb dan ir-rapport u huwa mistenni li jiġi konkluż fl-ewwel semestru tal-2023.

Il-kooperazzjoni mal-EA kienet waħda tasew siewja b'mod ġenerali. L-EA hija rikonoxxuta bħala d-“dar” naturali tas-sistema Ewropea ta' akkreditazzjoni. Minħabba l-ħidma tal-EA u tal-membri tagħha, huwa rikonoxxut li l-akkreditazzjoni hija essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE filwaqt li fl-istess ħin tipproteġi l-interess pubbliku.

2.4 Is-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari

Is-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari¹⁷ tal-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni hija l-pedament tas-sistema Ewropea ta' akkreditazzjoni. Il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jgħaddu minn evalwazzjonijiet bejn il-pari tas-sistemi, tal-proċeduri u tal-istrutturi tagħhom f'intervalli massimi ta' erba' snin.

L-għan tas-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari huwa li tiżgura l-konsistenza u l-ekwivalenza tal-prattiki ta' akkreditazzjoni madwar l-Ewropa sabiex l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u s-suq usa', jirrikonoxxu b'mod reċiproku s-servizzi pprovduti mill-korpi ta' akkreditazzjoni li jkunu għaddew b'suċċess mill-evalwazzjoni bejn il-pari, u għalhekk jaċċettaw iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni u l-attestazzjonijiet maħruġa mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditati minnhom.

L-EA għandha l-funzjoni fundamentali li torganizza l-evalwazzjoni bejn il-pari¹⁸. L-EA qiegħda torganizza, timmaniġġa u topera s-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari.

Wara l-evalwazzjoni b'suċċess bejn il-pari, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni saru firmatarji għall-Ftehim Multilaterali tal-EA (MLA)¹⁹ għar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni. Evalwazzjoni b'suċċess bejn il-pari hija l-prekwiżit għar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni.

Is-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari wriet is-saħħa tagħha billi żgurati li l-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkollhom livell għoli ta' kompetenza.

L-operat u l-ġestjoni tas-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari fl-2017-2021 kienu jinkludu²⁰:

Sena	L-għadd ta' evalwazzjonijiet imwettqa ²¹	Jiem ta' xogħol totali minn individwu għall-ħidma ta' evalwazzjoni
2017	18	1 080
2018	18	1 393

¹⁷ Ara l-Artikolu 10 tar-Regolament.

¹⁸ Ara l-Artikoli 10, 11 u 13 tar-Regolament.

¹⁹ Il-Ftehim Multilaterali tal-EA (MLA tal-EA) huwa ftehim iffirmit li bih il-firmatarji jirrikonoxxu u jaċċettaw l-ekwivalenza tas-sistemi ta' akkreditazzjoni operati mill-membri firmatarji, u anke l-affidabilità tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità pprovduti mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditati mill-membri firmatarji.

²⁰ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2020, <https://european-accreditation.org/wp-content/uploads/2021/04/EA-MLA-report-2020.pdf>
Rapport tal-EA dwar l-MLA 2021, <https://european-accreditation.org/wp-content/uploads/2022/04/EA-MLA-report-2021.pdf>

²¹ Evalwazzjonijiet, inizjali, rievalwazzjonijiet b'estensjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni jew mingħajrhom u evalwazzjonijiet straordinarji.

2019	16	935
2020 ²²	7	335
2021	25	1764

Għall-perjodu li jkopri dan ir-rapport, is-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari rrapportat l-għadd ta' sejbiet li ġejjin li fihom kienet meħtieġa azzjoni korrettiva mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni. Is-sejbiet jew huma “nuqqas ta' konformità” mixhud bi prova jew “kummenti”, jiġifieri suġġerimenti għal titjib potenzjali. Sas-sena 2020 (inkluża), is-sejbiet jistgħu jinkludu wkoll “tħassib” tal-evalwaturi għal nuqqas ta' konformità possibbli. Dan it-“tħassib” issa huwa kopert minn “nuqqas ta' konformità”. Il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni qegħdin jieħdu azzjoni korrettiva biex jirrimedjaw in-“nuqqas ta' konformità” u jindirizzaw il-“kummenti”. L-EA qiegħda tissorvelja kif qiegħda tiġi implimentata l-azzjoni korrettiva.

Sena	Nuqqas ta' konformità	Tħassib	Kummenti
2017 ²³	116	185	131
2018 ²⁴	84	139	81
2019 ²⁵	71	170	125
2020 ²⁶	62	94	56
2021 ²⁷	239	Ma għadhiex applikabbli	193

2.5 Akkreditazzjoni b' appoġġ tan-notifika

In-notifika hija l-att li bih Awtorità Notifikanti ta' Stat Membru tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tkun għażlet korp ta' valutazzjoni tal-konformità skont att ta' armonizzazzjoni tal-UE, u li l-korp jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dak l-att. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kompetenza tal-Korpi Notifikati tagħhom fir-rigward tal-Istati Membri l-oħrajn u tal-istituzzjonijiet tal-UE.

L-akkreditazzjoni hija l-aktar strument li jintuża għall-verifika tal-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jixtiequ jiġu nnotifikati, għar-raġunijiet li ġejjin.

- **L-eżistenza tas-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-EA taċċerta l-kapaċità u l-kompetenza tal-Korpi Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni u tiżgura l-konsistenza u l-ekwivalenza tal-prattiki ta' akkreditazzjoni madwar l-UE;**
- **L-akkreditazzjoni hija bbażata fuq Standards Armonizzati u b'hekk tiżgura madwar l-UE l-istess strettezza tal-evalwazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;**

²² Minħabba l-pandemija, diversi evalwazzjonijiet bejn il-pari ġew posposti għall-2021.

²³ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2017, <https://european-accreditation.org/wp-content/uploads/2018/10/ea-mla-report-2017.pdf>

²⁴ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2018, https://european-accreditation.org/wp-content/uploads/2019/04/EA-MLA-report-2018_9-April.pdf

²⁵ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2019, <https://european-accreditation.org/wp-content/uploads/2020/04/EA-MLA-report-2019.pdf>

²⁶ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2020, <https://european-accreditation.org/wp-content/uploads/2021/04/EA-MLA-report-2020.pdf>

²⁷ Rapport tal-EA dwar l-MLA 2021, <https://european-accreditation.org/wp-content/uploads/2022/04/EA-MLA-report-2021.pdf>

- **L-akkreditazzjoni tipprevedi proċeduri stabbiliti għall-evalwazzjoni u għas-sorveljanza regolari tal-korpi akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità;**
- **L-akkreditazzjoni tipprevedi proċeduri ta' appell trasparenti kontra d-deċiżjoni ta' Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni.**

Madankollu, minbarra l-akkreditazzjoni, jistgħu jiġu permissi wkoll proċeduri oħrajn għall-evalwazzjoni tal-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. F'każijiet bħal dawn, trid tingħata evidenza lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn li l-korp evalwat jikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli kollha²⁸.

Il-proporzjon ta' notifiċi ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditati żdied matul is-snin. Dan juri l-fiduċja tal-operatori ekonomiċi għall-merti tal-akkreditazzjoni.

Korp Notifikat jista' jissottokuntratta parti mill-ħidma tiegħu. Madankollu, dan jista' jissottokuntratta biss kompiti li għalihom huwa stess ikollu kompetenza. Ma jistax ikun il-każ li Korp Notifikat jissottokuntratta parti mix-xogħol għaliex ma jkollux il-kompetenza u l-għarfien meħtieġa. Is-sottokuntrattar ma jinvolvix id-delega ta' setgħat jew obbligi lis-sottokuntrattur.

F'dan ir-rigward, il-Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni u l-Awtorità Notifikanti jivvalutaw sa liema punt il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jkun beħsiebu jibbaża fuq is-sottokuntratturi u jistgħu jirtiraw u jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni u tan-notifiċa.

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor l-evoluzzjoni tal-għadd tan-notifiċi akkreditati u mhux akkreditati²⁹.

Sena	L-għadd totali ta' notifiċi	Mhux akkreditat	Akkreditat	Akkreditat bħala % tan-notifiċi kollha
2009 ³⁰	2249	1089	1118	48.4
2017 ³¹	2708	472	2236	82.6
2022 ³²	2507	420	2087	83.2

Il-fatt li r-Renju Unit kellu għadd kbir ta' Korpi Notifikati (akkreditati u mhux akkreditati) jispjega t-tnaqqis b'7,9 punti perċentwali fl-għadd totali ta' notifiċi bejn l-2017 u l-2022. Madankollu, il-perċentwal tan-notifiċi akkreditati bħala perċentwal tan-notifiċi kollha bejn l-2017 u l-2022 żdied.

It-tabelli li ġejjin juru t-tqassim tan-notifiċi għal kull Stat Membru u biċċa leġiżlazzjoni fiż-żmien meta nkiteb dan ir-rapport³³.

²⁸ L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

²⁹ Kif estratt mis-sistema ta' informazzjoni għall-Korpi Notifikati (NANDO)


³⁰ Qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament

³¹ Is-sitwazzjoni attwali hija fit-3 ta' Novembru 2017

³² Is-sitwazzjoni attwali hija fis-7 ta' Settembru 2022

³³ Is-sitwazzjoni attwali hija fis-7 ta' Settembru 2022

Notifiki għal kull pajjiż (akkreditati meta mqabbla ma' dawk mhux akkreditati)



	Leġiżlazzjoni	Akkreditat	Mhux akkreditat
1	90/385/KEE Apparati mediċi attivi impjantabbli ³⁴	3	7
2	92/42/KEE Bojlers tal-miżħun	34	1
3	93/42/KEE Apparati mediċi ³⁵	21	28
4	98/79/KE Apparati mediċi dijanjostiċi <i>in vitro</i> ³⁶	10	9
5	2000/14/KE L-emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra	37	8
6	2006/42/KE Makkinarju	150	9
7	2009/48/KE Sikurezza tal-ġugarelli	35	7
8	2010/35/UE Tagħmir ta' pressjoni li jista' jinġarr	140	2
9	2013/29/UE Oġġetti pirotekniċi	10	0
10	2013/53/UE Dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u ingeni tal-ilma personali	21	11
11	2014/28/UE Splussivi għal użi ċivili	6	4
12	2014/29/UE Reċipjenti sempliċi taħt pressjoni	62	8
13	2014/30/UE Kompatibbiltà elettromanjetika	56	16
14	2014/31/UE Strumenti tal-użin mhux awtomatiċi	41	30
15	2014/32/UE Id-Direttiva dwar l-Istrumenti tal-Kejl	58	31
16	2014/33/UE Liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet	220	13
17	2014/34/UE Tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosfera potenzjalment esplużivi (riformulazzjoni)	67	6
18	2014/53/UE Tagħmir tar-radju	35	14
19	2014/68/UE Tagħmir tal-pressjoni	283	32
20	2014/90/UE Tagħmir tal-baħar	29	17
21	2016/797 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja	46	13
22	Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar il-Prodotti għall-bini	529	126
23	Ir-Regolament (UE) 2016/424 dwar l-Installazzjonijiet tal-funikular	14	4
24	Ir-Regolament (UE) 2016/425 dwar Tagħmir protettiv personali	87	20
25	Ir-Regolament (UE) 2016/426 dwar Tagħmir li jaħraq karburanti gassużi	38	4
26	Ir-Regolament (UE) 2017/745 dwar l-Apparat mediku	32	0
27	ir-Regolament (UE) 2017/746 dwar Apparati mediċi dijanjostiċi <i>in vitro</i>	7	0
28	Ir-Regolament (UE) Nru 2019/1009 dwar il-Prodotti fertilizzanti	9	0

³⁴ Mis-26 ta' Mejju 2021, il-korpi notifikati maħtura skont id-Direttiva 90/385/KEE ma għadhomx jistgħu joħroġu ċertifikati ġodda skont dik id-Direttiva, iżda huma permessi biss iwettqu attivitajiet ta' sorveljanza għal ċertifikati maħruġa b'mod validu skont dik id-Direttiva fil-perjodu tranżizzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2017/745 dwar apparati mediċi (linja 26 tat-tabella).

³⁵ Mis-26 ta' Mejju 2021, il-korpi notifikati maħtura skont id-Direttiva 93/42/KEE ma għadhomx jistgħu joħroġu ċertifikati ġodda skont dik id-Direttiva, iżda huma permessi biss iwettqu attivitajiet ta' sorveljanza għal ċertifikati maħruġa b'mod validu skont dik id-Direttiva fil-perjodu tranżizzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2017/745 dwar apparati mediċi (linja 26 tat-tabella).

³⁶ Mis-26 ta' Mejju 2022, il-korpi notifikati maħtura skont id-Direttiva 98/79/KE ma baqgħux f'pożizzjoni li jibqgħu joħroġu ċertifikati ġodda skont dik id-Direttiva, iżda huma permessi biss iwettqu attivitajiet ta' sorveljanza għal ċertifikati maħruġa b'mod validu skont dik id-Direttiva fil-perjodu tranżizzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) 2017/746 dwar apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* (linja 27 tat-tabella).

29	Ir-Regolament (UE) 2019/945 dwar Sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi	5	0
30	Ir-Regolament (UE) 2020/204 tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-obbligi dettaljati tal-fornituri tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku	2	0

2.6 L-implimentazzjoni tal-ftehim mal-Kanada

Il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn l-UE u l-Kanada fih Protokoll dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità (“il-Protokoll”)³⁷. Il-Protokoll jiddependi mill-akkreditazzjoni.

Skont il-Protokoll, ladarba jiġi ddeżinjat, korp ta' valutazzjoni tal-konformità fl-UE jista' jittestja l-prodotti għall-esportazzjoni lejn il-Kanada skont ir-regoli Kanadiżi, u vice versa.

Fl-2019, *l-EA u l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tal-Kanada, il-Kunsill tal-Istandards tal-Kanada (SCC) iffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni* li jipprevedi l-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll ta' esperti għall-valutazzjonijiet fuq il-post u għall-istabbiliment ta' proċeduri għall-implimentazzjoni tal-Protokoll³⁸.

Is-setturi koperti mill-Protokoll huma: Tagħmir elettriku u elettroniku, Tagħmir tar-Radju, Kompatibbiltà elettromanjetika, Ġugarelli, Prodotti għall-bini, Makkinarju, Strumenti tal-kejl, Bojlers tal-miżun, Tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'ambjenti potenzjalment esplożivi, l-Emissjoni tal-ħsejjes fl-ambjent minn tagħmir għall-użu fuq barra, Dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni.

Matul il-Kumitat Konġunt CETA tal-25 ta' Marzu 2021, il-Kanada u l-UE qiesu l-eżiti pożittivi rigward l-implimentazzjoni li għaddejja tal-Protokoll CETA.

Dokument ta' gwida ġie adottat mill-Kummissjoni u ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* fl-1 ta' Settembru 2021³⁹. Id-dokument jindirizza l-elementi li ġejjin:

- Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll;
- Il-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent (u l-waqfien tar-rikonoxximent) tal-korpi ta' valutazzjoni tal-akkreditazzjoni u tal-konformità stabbiliti fit-territorju tal-ieħor;
- L-aċċettazzjoni tar-rapporti tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità rikonoxxuti;
- Il-modi kif l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew tal-infurzar għandhom jivverifikaw il-konformità tal-prodotti vvalutati minn korp rikonoxxut ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilit fit-territorju tal-ieħor.

Matul il-Kumitat Konġunt CETA tat-8 ta' Marzu 2022, il-Kanada u l-UE rrikonoxxew l-iżviluppi pożittivi fl-implimentazzjoni tal-Protokoll CETA u qablu li jaħdmu lejn l-estensjoni

³⁷ ĠU L 11, 14.1.2017, p. 567

³⁸ <https://european-accrreditation.org/implementation-of-ceta-ea-renewed-with-scc-the-bilateral-cooperation-agreement/>

³⁹ Avviż tal-Kummissjoni - Gwida ta' Implimentazzjoni għall-Protokoll għall-Ftehim CETA bejn il-Kanada, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità, ĠU C 351, 1.9.2021, p. 1

tal-kamp ta' applikazzjoni tal-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità għal setturi addizzjonali.

2.7 Tekniki ta' valutazzjoni mill-bogħod

Mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, bdew jintużaw dejjem aktar metodi mill-bogħod fil-proċessi ta' akkreditazzjoni u ta' valutazzjoni tal-konformità.

Għalhekk, kompitu ewlieni huwa l-integrazzjoni sistematika ta' metodi ta' valutazzjoni mill-bogħod fil-proċessi ta' akkreditazzjoni u ta' valutazzjoni tal-konformità filwaqt li jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet iżommu l-affidabbiltà u l-istrettezza tagħhom.

F'dan ir-rigward għandhom jitqiesu l-elementi li ġejjin:

- Peress li **l-akkreditazzjoni hija bbażata fuq Standards Armonizzati**, u ħafna minnhom ma jipprovdux espliċitament tekniki ta' valutazzjoni mill-bogħod, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-applikazzjoni tagħhom fil-kuntest ta' dawn it-tekniki ma tpoġġix f'riskju s-saħħa u s-sikurezza tal-prodotti fl-UE u r-rwol li għandhom il-Korpi Notifikati fil-valutazzjoni tal-konformità.
- Il-grad ta' użu ta' valutazzjonijiet mill-bogħod jista' jiddependi mill-**ispeċifità** **tas-settur ikkonċernat** bħall-kumplessità tal-prodott u t-teknoloġija inkwistjoni, l-impatt fuq l-interess pubbliku, id-daqs tal-operatur ikkonċernat u n-natura tal-proċess ta' produzzjoni (eż. produzzjoni tal-massa jew produzzjoni ta' serje żgħira).

Bħalissa, il-partijiet ikkonċernati tal-valutazzjoni tal-akkreditazzjoni u tal-konformità għandhom qegħdin jiġbru l-esperjenza mill-użu tat-tekniki ta' valutazzjoni mill-bogħod u qegħdin jiddiskutu l-elementi li ġejjin:

- Il-potenzjal tat-tekniki ta' valutazzjoni mill-bogħod biex **jikkomplementaw il-valutazzjonijiet fuq il-post**;
- Il-**benefiċċji** tagħhom, eż. f'termini ta' effiċjenza, tnaqqis fil-kostijiet u ta' reżistenza għall-pandemija;
- L-**effettività u l-affidabbiltà** tagħhom meta mqabbla mal-evalwazzjonijiet fuq il-post;
- Jekk jistgħux jintużaw ukoll matul l-evalwazzjoni inizjali ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità jew **għall-monitoraġġ biss** ta' korpi akkreditati;
- Jekk hemmx partijiet mill-valutazzjoni tal-akkreditazzjoni u tal-konformità li **b'mod awtomatiku ma jistgħux jitwettqu mill-bogħod** jew anke jekk hemmx setturi tal-prodotti sħaħ fejn l-evalwazzjonijiet għandhom dejjem jitwettqu fuq il-post;
- Il-**ħtieġa li jiġu mmodifikati l-proċessi eżistenti ta' valutazzjoni tal-akkreditazzjoni u tal-konformità** sabiex jiġi ffaċilitat l-użu ta' tekniki ta' valutazzjoni mill-bogħod mingħajr ma jiġu pperikolati l-affidabbiltà u l-oġġettività tal-proċessi.

L-esperjenza miġbura sal-lum u l-mistoqsijiet li għad ma hemmx tweġiba għalihom ma jippermettux fiż-żmien meta nkiteb dan ir-rapport li jiġi previst il-mod eżatt kif se jintużaw it-

tekniki ta' valutazzjoni mill-bogħod fil-futur. Huwa mistenni li r-regolaturi u l-partijiet ikkonċernati se jiffurmaw l-opinjoni tagħhom fil-futur prevedibbli. Sadanittant, il-partijiet ikkonċernati jqisu l-metodi fuq il-post bħala dawk regolari.

3. MARKATURA CE

3.1 Ir-rwol tal-markatura CE

Ladarba tintwera l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti leġislattivi applikabbli tal-UE, il-manifattur iwaħħal, taħt ir-responsabbiltà unika tiegħu, il-markatura CE fuq il-prodott.

Bit-twaħħil tal-markatura CE, il-manifattur jindika, bir-responsabbiltà legali unika tiegħu, li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-UE li tippredvi t-twaħħil tagħha.

Għalhekk, il-markatura CE hija indikatur ewlieni tal-konformità ta' prodott mal-leġislazzjoni tal-UE u l-parti viżibbli ta' proċedura ta' valutazzjoni stabbilita fil-leġislazzjoni tal-UE li tapplika għall-prodott inkwistjoni. Il-leġislazzjoni applikabbli tal-UE tistabbilixxi jekk tali valutazzjoni tal-prodott issirx, jew mill-manifattur innifsu biss jew bl-involviment ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità notifikat.

Il-manifattur, kemm jekk stabbilit fl-Unjoni jew barra l-Unjoni, huwa l-entità li fl-aħħar mill-aħħar hija responsabbli għall-konformità tal-prodott mad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u għat-twaħħil tal-markatura CE; indipendentement mill-fatt jekk korp ta' valutazzjoni tal-konformità notifikat kienx involut fil-kontrolli tal-prodott jew le.

Ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas legali għall-markatura CE.

Diversi biċċiet ta' leġislazzjoni settorjali tal-UE jipprevedu t-twaħħil tal-markatura CE. Dawn il-biċċiet ta' leġislazzjoni jkopru firxa wiesgħa ta' prodotti bħal: ġugarelli, makkinarju, tagħmir tal-pressjoni, prodotti tal-kostruzzjoni, liftijiet, dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, tagħmir tar-radju, splussivi għal użi ċivili, tagħmir maħsub għall-użu f'ambjenti potenzjalment esplożivi (ATEX), oġġetti pirotekniki, apparati tal-gass, tagħmir protettiv personali, apparati mediċi.

3.2 Skambju mal-partijiet ikkonċernati

Bi tweġiba għall-mistoqsijiet mill-partijiet ikkonċernati dwar il-Markatura CE, il-Kummissjoni saħqet fuq l-elementi li ġejjin:

- ***Il-markatura CE ma hijiex marka tal-oriġini u ma tindikax li l-prodott kien manifatturat fl-Unjoni Ewropea.*** L-operaturi ekonomiċi, kemm jekk stabbiliti ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni, iridu jwahr l-markatura meta l-prodotti tagħhom ikunu maħsuba għas-suq tal-UE u għalhekk iridu jikkonformaw mal-leġislazzjoni tal-UE.

Il-markatura CE lanqas ma hija sinjal li l-prodotti ġew approvati minn awtorità nazzjonali jew minn awtorità oħra.

- Mhux il-prodotti kollha għandhom markatura CE. ***Il-prodott inkwistjoni jrid ikollu markatura CE, biss jekk il-leġislazzjoni applikabbli tippredvi dan.***

Għalhekk, il-markatura CE ma tirreferix għall-manifattur iżda għall-prodott. Dan ifisser li kumpanija waħda tista' tipproduċi għadd ta' oġġetti, li wħud minnhom se jkollhom markatura CE filwaqt li l-oħrajn mhux se jkollhom.

- **La hemm awtorità “li tagħti” l-markatura CE u lanqas kwalunkwe “rappreżentant” tal-markatura CE;** il-markatura CE hija dikjarazzjoni tal-manifattur. Madankollu, il-leġislazzjoni tal-UE tipprevedi sett ta' dokumenti li jeħtieġ li jakkumpanjaw kull prodott li jkollu markatura CE: dokumentazzjoni teknika u dikjarazzjoni tal-konformità.
- Meta l-involvement ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fil-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità jkun obbligatorju fil-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, **huma biss il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità notifikati li jistgħu jkunu involuti.**
- **Il-markatura CE tippovdi l-ewwel indikazzjoni** li l-kontrolli neċessarji jistgħu jitqiesu li saru, qabel ma l-prodott inkwistjoni tqiegħed fis-suq, sabiex tiġi żgurata l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti leġislattivi.

Madankollu, **l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jikkontrollaw il-prodotti li jkunu saru disponibbli fis-suq.** L-għan tagħhom huwa li jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi bħas-saħħa u s-sikurezza, is-sigurtà, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-protezzjoni tal-ambjent.

3.3 Infurzar

L-awtoritajiet nazzjonali identifikaw l-għadd li ġej ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità relatati mal-markatura CE u/jew mad-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament tagħha⁴⁰.

Sena	L-għadd ta' spezzjonijiet	L-għadd ta' nuqqasijiet ta' konformità
2017	9 262	1 347
2018	11 648	1 362
2019	13 653	1 257
2020	13 181	2 285
2021	15 584	1 716
2022 ⁴¹	12 817	1 974

4. KONKLUŻJONIJIET

Ir-Regolament stabbilixxa qafas legali solidu għall-akkreditazzjoni u għall-markatura CE. F'dan ir-rigward, l-“Evalwazzjoni tal-Qafas Leġislattiv il-Ġdid (NLF)”, li twettqet mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2022, tirrikonoxxi f'konformità ma' dan ir-rapport is-segwenti:

- L-adozzjoni u l-implimentazzjoni prattika tal-**qafas legali tal-UE għall-akkreditazzjoni huma kisba importanti ħafna** fl-ambitu tal-oġġettivi li tissaħħaħ is-sistema ta' valutazzjoni tal-konformità fl-Ewropa;
- **Id-dispożizzjonijiet dwar il-markatura CE huma ċari**, itejbu ċ-ċarezza u l-kredibbiltà tagħha, iżidu l-attenzjoni tal-industrija fuq ir-rekwiżiti tal-markatura CE, isaħħu l-

⁴⁰ Kif irreġistrat mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fis-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni madwar l-UE għall-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq

⁴¹ Is-sitwazzjoni attwali hija tat-22 ta' Settembru 2022

viżibbiltà tal-markatura CE, u jeliminaw inkonsistenzi żgħar bejn biċċiet differenti ta' leġislazzjoni.

Peress li l-akkreditazzjoni u l-markatura CE jirfdu l-implimentazzjoni ta' diversi politiki tal-UE, sfida ewlenija hija li jissaħħu s-solidità u l-affidabbiltà tagħhom. F'dan ir-rigward, l-“Evalwazzjoni tal-Qafas Leġislattiv il-Ġdid (NLF)” ikkonkludiet f'konformità ma' dan ir-rapport li huwa importanti li:

- Jiġi żgurat li l-Istandards Armonizzati rilevanti jiġu adottati permezz ta' ***proċess ta' standardizzazzjoni rapidu u effettiv*** u jkomplu jkunu konformi mal-Istandards Internazzjonali u jirriflettu l-aħħar livell ta' żvilupp tekniku;
- Jiġu esplorati modi li ***bihom, il-metodi ta' valutazzjoni mill-bogħod jistgħu jiffaċilitaw il-proċessi ta' akkreditazzjoni u ta' valutazzjoni tal-konformità***, meta xieraq;
- Jiġi żgurat li l-Korpi Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni u l-Awtoritajiet Notifikanti jkollhom ***ir-riżorsi biex jimmonitorjaw*** il-kompiti li l-Korpi Notifikati akkreditati jissottokuntrattaw, speċjalment meta dawn il-kompiti jitwettqu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;
- Jiġi esplorat ***il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni*** għas-simplifikazzjoni tal-obbligi amministrattivi relatati mat-twaħħil tal-markatura CE.

Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-EA tkompli tirċievi appoġġ tal-UE biex tgħinha timplimenta l-kompiti tagħha u biex tiżgura l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' akkreditazzjoni kif ukoll l-operat tas-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-użu tal-akkreditazzjoni u tal-markatura CE fi kwalunkwe proposta ġdida li tirrikjedi valutazzjoni tal-konformità.